

Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



Opinjoni 17/2020 dwar l-abbozz tal-Klawżoli Kuntrattwali Standard ippreżentati mill-SI SA (l-Artikolu 28(8) GDPR)

Adottata fid-19 ta' Mejju 2020

WERREJ

1	Sommarju tal-Fatti	4
2	Valutazzjoni	4
2.1	Raġunament ġenerali tal-Bord rigward is-sett ta' klawżoli kuntrattwali standard.....	4
2.2	Analiżi tal-abbozz ta' klawżoli kuntrattwali standard	5
2.2.1	Kumment ġenerali dwar I-SCCs kollha	5
2.2.2	Preambolu (Klawżola 1 tal-SCCs)	6
2.2.3	Il-proċessur tad- <i>data</i> jaġixxi skont l-istruzzjonijiet (Klawżola 3 tal-SCCs).....	6
2.2.4	Kunfidenzjalità (Klawżola 4 tal-SCCs)	6
2.2.5	Sigurtà tal-ipproċessar (Klawżola 5 tal-SCCs u l-Appendiċi C.2).....	6
2.2.6	Trasferiment ta' <i>data</i> lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali (Klawżola 7 u Appendiċi C.6 tal-SCCs)	7
2.2.7	Assistenza lill-kontrollur tad- <i>data</i> (Klawżola 8 u Appendiċi C.3 tal-SCCs)	7
2.2.8	Notifika ta' ksur ta' <i>data</i> personali (Klawżola 9 tal-SCCs)	7
2.2.9	Tħassir u ritorn tad- <i>data</i> (Klawżola 10 tal-SCCs u Appendiċi C.4).....	8
2.2.10	Awditjar u spezzjoni (Klawżola 11 tal-SCCs u Appendiċi C.7 u C.8)	8
2.2.11	Bidu u terminazzjoni (Klawżola 13 tal-SCCs)	8
2.2.12	Kuntatti / punti ta' kuntatt tal-kontrollur tad- <i>data</i> u tal-proċessur tad- <i>data</i> (Klawżola 14 tal-SCCs)	8
2.2.13	Appendiċi A	9
2.2.14	Appendiċi B	9
3	Konklużjonijiet.....	9
4	Kummenti Finali	9

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 28(8), l-Artikolu 63 u l-Artikolu 64(1)(d), (3) - (8) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem, il-“GDPR”),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni Nru 154/2018 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tas-6 ta' Lulju 2018,¹

Wara li kkunsidra l-Artikolu 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018,

Billi:

1) Ir-rwol prinċipali tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem “il-Bord”) huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR fl-Unjoni kollha. Għal dan l-għan, il-Bord għandu joħroġ opinjoni bbażata fuq l-Artikolu 64(1)(d) GDPR fejn awtorità superviżorja (minn hawn 'il quddiem, “SA”) timmira li tiddetermina klawżoli kuntrattwali standard (minn hawn 'il quddiem, “SCCs” ukoll) imsemmija fl-Artikolu 28(8) GDPR. Għalhekk, l-għan ta' din l-Opinjoni huwa li tikkontribwixxi għal approċċ armonizzat li jikkonċerna miżuri li għandhom jiġu adottati minn awtorità superviżorja li biħsiebha tipproduċi effetti legali rigward operazzjonijiet ta' proċessar li jaffettwaw b'mod sostanzjali numru sinifikanti ta' suġġetti tad-*data* f'diversi Stati Membri u l-implimentazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-GDPR.

2) Fil-kuntest tar-relazzjoni bejn kontrollur tad-data u proċessur tad-data (jew proċessuri tad-data) għall-ipproċessar ta' data personali, il-GDPR jistabbilixxi, fl-Artikolu 28 tiegħu, sett ta' dispożizzjonijiet fir-rigward tal-istabbiliment ta' kuntratt speċifiku bejn il-partijiet involuti u tad-dispożizzjonijiet obbligatorji li għandhom jiġu inkorporati fih.

3) Skont l-Artikolu 28(3) GDPR, l-ipproċessar minn proċessur tad-*data* “għandu jkun regolat minn kuntratt jew att legali ieħor taħt il-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, li jorbot lill-proċessur fir-rigward tal-kontrollur”; għalhekk għe stabbilit sett ta' aspetti speċifiċi biex tiġi rregolata r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, inklużi fost oħrajn, is-suġġett u d-durata tal-ipproċessar, in-natura u l-iskop tiegħu, it-tip ta' *data* personali u l-kategoriji ta' suġġetti tad-*data*.

4) Skont l-Artikolu 28(6) GDPR, mingħajr preġudizzju għal kuntratt individwali bejn il-kontrollur tad-*data* u l-proċessur tad-*data*, il-kuntratt jew l-att legali l-ieħor imsemmija fil-paragrafi (3) u (4) tal-Artikolu 28 GDPR jistgħu jkunu bbażati, b'mod sħiħ jew parzjalment, fuq klawżoli kuntrattwali standard. Dawn il-klawżoli kuntrattwali standard għandhom jiġu adottati għall-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafi (3) u (4).

5) Barra minn hekk, l-Artikolu 28(8) GDPR jiddetermina li SA tista' tadotta sett ta' klawżoli kuntrattwali standard f'konformità mal-mekkaniżmu ta' konsistenza msemmi fl-Artikolu 63. F'dan ir-rigward, l-SAs

¹ Referenzi għall-“Unjoni” li jsiru f'din l-Opinjoni għandhom jinftiehem bħala referenzi għaż-“ŻEE”.

huma meħtieġa jikkooperaw ma' membri oħra tal-Bord u, fejn rilevanti, mal-Kummissjoni Ewropea permezz tal-mekkaniżmu ta' konsistenza. Skont l-Artikolu 64(1)(d), l-SAs huma meħtieġa jikkomunikaw lill-Bord kull abbozz ta' deċiżjoni li jkollu l-għan li jiddetermina klawżoli kuntrattwali standard skont l-Artikolu 28(8). F'dan il-kuntest, il-Bord huwa meħtieġ joħroġ opinjoni dwar il-kwistjoni, skont l-Artikolu 64(3), fejn ma jkunx diġà ħareġ opinjoni dwar l-istess kwistjoni.

6) Klawżoli kuntrattwali standard adottati jikkostitwixxu sett ta' garanziji biex jintużaw kif inhuma, billi huma intenzjonati biex jiproteġu lis-suġġetti tad-*data* u biex jimmitigaw riskji speċifiċi assoċjati mal-prinċipji fundamentali tal-protezzjoni tad-*data*.

7) L-opinjoni tal-Bord għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB fi żmien tmien ġimgħat mill-ewwel ġurnata tax-xogħol wara li l-President u l-awtorità superviżorja kompetenti jkun ddeċidew li l-fajl huwa komplut. Fuq deċiżjoni tal-President, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħra, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-kumplessità tas-suġġett.

ADOTTA L-OPINJONI:

1 SOMMARJU TAL-FATTI

1. L-Awtorità Superviżorja Slovena (minn hawn 'il quddiem "SI SA") issottomettiet l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha u l-abbozz ta' klawżoli kuntrattwali standard lill-Bord, fejn talbet l-opinjoni tiegħu skont l-Artikolu 64(1)(d), għal approċċ konsistenti fil-livell tal-Unjoni. Id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl ittieħdet fil-21 ta' Frar 2020. Is-Segretarjat tal-EDPB iċċirkola l-fajl lill-membri kollha f'isem il-President fil-21 ta' Frar 2020.
2. Il-Bord irċieva l-abbozz ta' SCCs mill-SI SA flimkien ma' abbozz ta' deċiżjoni li jispjega l-isfond u l-istruttura tal-klawżoli kuntrattwali standard. Dawn iż-żewġ dokumenti ġew ipprovduti mill-SA Slovena f'verżjoni Ingliża.
3. F'konformità mal-Artikolu 10 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bord², minħabba l-kumplessità tal-kwistjoni preżenti, il-President iddeċieda li jestendi l-perjodu inizjali ta' adozzjoni ta' tmien ġimgħat b'sitt ġimgħat oħra (sad-29 ta' Mejju 2020).

2 VALUTAZZJONI

2.1 Raġunament ġenerali tal-Bord rigward is-sett ta' klawżoli kuntrattwali standard

4. Kwalunkwe sett ta' klawżoli kuntrattwali standard ippreżentat lill-Bord taħt l-Artikolu 28(8) u l-Artikolu 64(1)(d) irid jispeċifika ulterjorment id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 28 GDPR. L-opinjoni tal-Bord għandha l-għan li tiżgura l-konsistenza u l-applikazzjoni korretta tal-Artikolu 28 GDPR

² Il-Verżjoni 6, kif l-aħħar immodifikata u adottata fid-29 ta' Jannar 2020.

fir-rigward tal-abbozz ta' klawżoli ppreżentat, li jista' jservi bħala klawżoli kuntrattwali standard tal-Artikolu 28(8).

5. Il-Bord jinnota li l-abbozz tal-SCCs ippreżentat lill-Bord huwa magħmul minn żewġ partijiet:
 - 1) parti ġenerali li tinkludi dispożizzjonijiet ġenerali u li għandha tintuża "kif inhi"; u
 - 2) parti speċifika li trid tiġi kkompletata mill-partijiet fir-rigward tal-ipproċessar speċifiku li l-kuntratt ifittex li jirregola.
6. Barra minn hekk, l-SI SA tispjega, fl-abbozz ta' deċiżjoni tagħha, li l-mudell ta' kuntratt (SCCs) "jindirizza l-kwistjonijiet ewlenin li huma diskussi b'mod frekwenti mill-kontrolluri u l-proċessuri meta jiddeterminaw id-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tagħhom", u li, b'mod aktar speċifiku, "jindirizza primarjament il-kontenut, stabbilit fl-Artikolu 28(3) GDPR" iżda "jindirizza wkoll kwistjonijiet li jistgħu, skont l-esperjenza [tagħhom], jikkawżaw inċertezza fost il-partijiet u jeħtieġu attenzjoni speċjali".
7. Fost l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Bord, l-SI SA speċifikat lill-membri tal-EDPB fit-talba tagħha li segwiet l-eżempju tal-SCCs sottomessi mill-SA Daniża³ u kkunsidrat l-Opinjoni 14/2019 tal-EDPB adottata fid-9 ta' Lulju 2019 mill-EDPB⁴. Il-Bord jirrikonoxxi li l-SI SA ħadet inkunsiderazzjoni l-Opinjoni msemmija li diġà ġiet adottata mill-Bord dwar l-abbozz ta' SCCs għall-finijiet ta' konformità mal-Artikolu 28 GDPR u jfakkar li l-valutazzjoni ta' kull abbozz ta' deċiżjoni soġġett għall-mekkaniżmu ta' konsistenza jsir b'mod individwali u fuq il-merti tiegħu stess, filwaqt li jinżamm inkunsiderazzjoni l-għan li tiġi żgurata l-konsistenza.
8. Meta din l-opinjoni ma tgħid xejn dwar klawżola waħda jew aktar tal-SCCs ippreżentati mill-SI SA, dan ifisser li l-Bord mhuwiex jitlob lill-SI SA biex tiegħu xi azzjoni ulterjuri fir-rigward ta' daww il-klawżoli speċifiċi.

2.2 Analiżi tal-abbozz ta' klawżoli kuntrattwali standard

2.2.1 Kumment ġenerali dwar l-SCCs kollha

9. Billi kuntratt taħt l-Artikolu 28 GDPR għandu jstipula u jiċċara aktar kif l-obbligi fl-Artikolu 28(3)-(4) se jiġu ssodisfati, l-SCCs jeħtieġu li jiġu analizzati b'mod sħiħ.
10. Barra minn hekk, il-Bord ifakkar li l-possibbiltà li jintużaw Klawżoli Kuntrattwali Standard adottati minn awtorità superviżorja ma tipprevjenix li l-partijiet iżidu klawżoli oħra jew salvagwardji addizzjonali, dment li ma jikkontradixxux, direttament jew indirettament, il-klawżoli kuntrattwali standard adottati jew jippreġudikaw id-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*. Barra minn hekk, fejn jiġu modifikati l-klawżoli standard dwar il-protezzjoni tad-*data*, il-partijiet ma jibqgħux jitqiesu bħala li implimentaw il-klawżoli kuntrattwali standard adottati.

³ Il-verżjoni finali tal-klawżoli kuntrattwali standard għall-finijiet ta' konformità mal-Artikolu 28 GDPR adottat mill-SA Daniża hija disponibbli hawnhekk: https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/decision-sa/dk-sa-standard-contractual-clauses-purposes-compliance-art_en

⁴ Opinjoni tal-EDPB 14/2019 dwar l-abbozz tal-Klawżoli Kuntrattwali Standard sottomessi mid-DK SA (l-Artikolu 28(8) GDPR), adottata fid-9 ta' Lulju 2019, disponibbli hawnhekk: https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_opinion_201914_dk_scc_en.pdf.

2.2.2 Preambolu (Klawżola 1 tal-SCCs)

11. Fir-rigward tal-**Klawżola 1.5** tal-SCCs, il-Bord jinnota li miri oħra qegħdin jiġu segwiti wkoll permezz ta' klawżoli kuntrattwali standard adottati għall-finijiet tal-Artikolu 28. Għalhekk, il-Bord ihegġegħ lill-SI SA biex tirriformula s-sentenza kif ġej: *“Il-Klawżoli huma maħsuba li jiproteġu d-drittijiet tas-suġġetti tad-data, jimmitigaw riskji għall-protezzjoni tad-data speċifiċi u jiżguraw iċ-ċarezza fir-relazzjoni bejn il-kontrollur u l-proċessur u dwar id-drittijiet u d-dmirijiet rispettivi”*.

2.2.3 Il-proċessur tad-data jaġixxi skont l-istruzzjonijiet (Klawżola 3 tal-SCCs)

12. Rigward il-**Klawżola 3.1** tal-SCCs, il-Bord ihegġegħ lill-SI SA biex iżżid il-kelma “jew” fil-“liġi tal-Unjoni [jew] tal-Istati Membri”.
13. L-SCCs jispeċifikaw fil-**Klawżola 3.3** li *“l-proċessur tad-data u, fejn applikabbli, ir-rappreżentant tal-proċessur, skont l-Artikolu 30(2) GDPR, ser iżommu rekord tal-kategoriji kollha ta' attivitajiet ta' pproċessar imwettqa f'isem kontrollur”*. Filwaqt li l-Artikolu 28(3) GDPR ma jimponix speċifikament fuq il-kontrolluri u l-proċessur dover li jinkludi fil-kuntratt l-obbligu għall-proċessur li jżomm rekord taħt l-Artikolu 30(2) GDPR, il-Bord iqis li din il-miżura tikkontribwixxi “biex tiġi ddeterminata l-konformità” u tgħin biex “il-kontrollur jiġi assistit biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi skont l-Artikolu 32 sa 36” (l-Artikolu 28(3)(h) u (f) GDPR).

2.2.4 Kunfidenzjalità (Klawżola 4 tal-SCCs)

14. Il-Bord jifhem li l-**Klawżola 4.2** tal-SCCs tirreferi għall-possibilità li l-kontrollur jitlob lill-proċessur biex juri li l-persuni taħt l-awtorità tal-proċessur li jkollhom aċċess għad-data personali huma marbutin b'obbligu ta' kunfidenzjalità u li l-aċċess tagħhom għad-data personali jingħata biss fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif. Konsegwentement, il-Bord ihegġegħ lill-SI SA tirriformula ftit il-klawżola sabiex tikkjarifika. Pereżempju, il-klawżola tista' tiġi abbozzata mill-ġdid kif ġej: *“Il-proċessur tad-data għandu, fuq it-talba tal-kontrollur tad-data, juri li l-persuni konċernati taħt l-awtorità tal-proċessur tad-data huma soġġetti għall-obbligu ta' konformità msemmi hawn fuq u jingħataw aċċess biss għad-data personali fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif”*.

2.2.5 Sigurtà tal-ipproċessar (Klawżola 5 tal-SCCs u l-Appendiċi C.2)

15. Fir-rigward tal-**Klawżola 5.1** tal-SCCs, il-Bord jixtieq jenfasizza li ġeneralment mhux adegwat għall-klawżoli kuntrattwali standard li sempliċement jiddikjaraw mill-ġdid il-kontenut tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR għaliex minflok għandhom jispeċifikaw l-applikazzjoni konkreta tal-obbligi rilevanti. Għalkemm din il-klawżola ma titqisx problematika, l-EDPB ihegġegħ lill-SI SA biex tirriformulaha ftit (eż. *“Skont l-Artikolu 32 GDPR, li jistipula li [...], il-partijiet għandhom jimplementaw [...]”*).
16. Fir-rigward tal-**Klawżola 5.3**⁵ tal-SCCs, il-Bord jifhem li tirreferi għal valutazzjoni tar-riskju mwettqa b'mod indipendenti mill-proċessur sabiex jikkonforma mal-Artikolu 32 u l-Premessa 83 GDPR. Il-Bord ihegġegħ lill-SI SA tikkjarifika li tali valutazzjoni tirreferi għall-ipproċessar fdat lill-proċessur mill-

⁵ L-abbozz tal-klawżola 5.3 jispeċifika li: *“Skont l-Artikolu 32 tal-GDPR, il-proċessur tad-data għandu wkoll – indipendentement mill-kontrollur tad-data – jevalwa r-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi inerenti fl-ipproċessar u jimplementa miżuri biex itaffi dawk ir-riskji. Għal dan il-għan, il-kontrollur tad-data għandu jipprovdi lill-proċessur tad-data l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jidentifika u jevalwa tali riskji”*.

kontrollur u jfakkar li l-kontrollur madankollu mhuwiex eżentat mill-obbligi tiegħu li jikkonforma mal-Artikoli 25, 32, 35, 36 GDPR. Pereżempju, il-klawżola 5.3 tista' tiġi rriformulata kif ġej: *“Skont l-Artikolu 32 tal-GDPR, il-proċessur tad-data għandu wkoll – indipendentement mill-kontrollur tad-data – jevalwa r-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi inerenti fl-attività ta' proċessar fdata lilu mill-kontrollur u jimplementa miżuri biex itaffi dawk ir-riskji. Għal dan il-għan, il-kontrollur tad-data għandu jipprovdi lill-proċessur tad-data l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jidentifika u jevalwa tali riskji”*.

17. L-**Appendiċi C.2** jistieden lill-partijiet jelenkaw il-miżuri ta' sigurtà li qablu dwarhom mal-partijiet u li jeħtieġu jiġu implimentati mill-proċessur tad-data. Il-Bord ifakkar li l-grad ta' dettall ta' din l-informazzjoni għandu jkun tali li jippermetti lill-kontrollur jevalwa l-adegwatezza tal-miżuri u li jikkonforma mal-obbligu ta' rendikont tiegħu.

2.2.6 Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali (Klawżola 7 u Appendiċi C.6 tal-SCCs)

18. Il-Bord iħeġġeġ lill-SI SA tikkjarifika li l-kliem “pajjiżi terzi” jirreferu għal pajjiżi barra miż-ŻEE u mhux barra mis-Slovenja. Dan jista' jitwettag billi tiżdied fil-Klawżola 7.1 “[...] pajjiżi terzi (jiġifieri pajjiżi barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) [...]”.
19. Fir-rigward tal-**Klawżola 7.3** tal-SCCs, il-Bord iħeġġeġ lill-SI SA tispeċifika li r-referenza għall-“awtorizzazzjoni” tal-kontrollur mhijiex alternattiva għall-“istruzzjonijiet iddokumentati” iżda tiddekrivi kontenut possibbli ta' tali struzzjonijiet. Barra minn hekk, il-Bord iħeġġeġ lill-SI SA tikkjarifika aktar ir-relazzjoni bejn il-Klawżoli 7.1, 7.2, u 7.3. Konsegwentement, il-Klawżola 7.3 tista' tiġi fformulata mill-ġdid kif ġej: *“Mingħajr struzzjonijiet iddokumentati mill-kontrollur tad-data, eż. il-previżjoni ta' awtorizzazzjoni, jew rekwiżit speċifiku taħt il-liġi tal-UE jew ta' Stat Membru li għaliha huwa soġġett il-proċessur tad-data, il-proċessur tad-data ma jistax, fi ħdan il-qafas tal-Klawżoli [...]”*.

2.2.7 Assistenza lill-kontrollur tad-data (Klawżola 8 u Appendiċi C.3 tal-SCCs)

20. Il-Bord huwa tal-fehma li kwalunkwe referenza għal awtorità superviżorja nazzjonali f'mudell ta' kuntratt għandha tiġi evitata, billi l-identifikazzjoni tal-awtorità superviżorja kompetenti se tiddependi mill-ipproċessar speċifiku inkwistjoni u miċ-ċirkostanzi speċifiċi. Konsegwentement, il-Bord jirrakkomanda li r-referenzi għas-SA Slovena jitneħħew mill-**Klawżola 8.2** u jiġu sostitwiti, fil-punti a. u d., bi spazju vojtt akkumpanjat b'nota li tistieden lill-partijiet jispeċifikaw l-awtorità superviżorja kompetenti (eż. “[jekk jogħġbok indika l-SA kompetenti]”).

2.2.8 Notifika ta' ksur ta' data personali (Klawżola 9 tal-SCCs)

21. Fir-rigward tal-**Klawżola 9.3** tal-SCCs, il-Bord jirrakkomanda li r-referenza għall-Klawżola 9.2.a tiġi sostitwita b'referenza għall-Klawżola 8.2.a. Barra minn hekk, il-Bord jirrakkomanda li r-referenza għall-Appendiċi D fil-**Klawżola 9.4** tiġi sostitwita b'referenza għall-Appendiċi C.3, u li r-referenza għall-Klawżoli 9.1 u 9.2 fl-**Appendiċi C.3** tiġi sostitwita b'referenzi għall-Klawżoli 8.1 u 8.2.
22. Fir-rigward tal-**Appendiċi C.3**, il-Bord iħeġġeġ lill-SI SA biex tevita li tirreferi għar-“rwol u l-obbligi tal-proċessur tad-data” fin-noti li jstiednu lill-partijiet jintroduċu aktar speċifikazzjonijiet, billi tali formulazzjoni wiesgħa tista' twassal għal inċertezza dwar kif l-isparji vojta għandhom jimtlew mill-partijiet. Konsegwentement, il-Bord jissuġġerixxi r-referenza għall-passi li għandhom jittieħdu mill-

proċessur u l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-provvista ta' assistenza għall-kontrollur (fir-rigward tan-notifiki ta' ksur tad-*data* u l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-protezzjoni tad-*data*).

2.2.9 Tħassir u ritorn tad-*data* (Klawżola 10 tal-SCCs u Appendiċi C.4)

23. Fir-rigward tal-**Klawżola 10.1** tal-SCCs, il-Bord iħegġegħ lill-SI SA tikkjarifika li l-proċessur għandu jħassar jew inkella jirritorna d-*data* personali (u jħassar il-kopji) minbarra meta ħżin ulterjuri tad-*data* personali mill-proċessur huwa meħtieġ bil-liġi tal-UE jew ta' Stat Membru. Billi l-eċċezzjoni għad-dmir legali tirreferi kemm għall-Għażla 1 kif ukoll l-Għażla 2, il-kliem "*sakemm il-liġi tal-UE jew ta' Stat Membru ma teħtiġx il-ħżin tad-*data* personali*" m'għandhomx ikunu miktubin b'tipa grassa u għandhom jiġu ppreżentati b'mod li jiżgura li l-partijiet tal-kuntratt ma jifhmuhiex li tirreferi biss għat-tieni għażla. Il-Bord jissuġġerixxi li tiġi speċifikata aktar din il-formulazzjoni (eż. "*sakemm il-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru ma teħtiġx ħżin ulterjuri tad-*data* personali mill-proċessur*").
24. Fl-**Appendiċi C.4**, il-Bord jirrakkomanda li l-eżempju għandu jirreferi mhux biss għal "perjodu ta' żmien" iżda wkoll, b'mod alternattiv, għal "avveniment" ("(PERJODU TA' ŻMIEN / AVVENIMENT STATALI)") billi jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn il-perjodu ta' żmien preċiż ma jistax jiġi stabbilit iżda d-*data* għandha titħassar wara l-okkorrenza ta' avveniment speċifiku. Barra minn hekk, l-Appendiċi C.4 għandu jirreferi għall-Klawżola 10.1 mhux 11.1.

2.2.10 Awditjar u spezzjoni (Klawżola 11 tal-SCCs u Appendiċi C.7 u C.8)

25. Il-Bord jirrakkomanda li r-referenza fil-**Klawżola 11.2** għall-Appendiċi C.6 u C.7 tiġi sostitwita b'referenza għall-Appendiċi C.7 u C.8.
26. Barra minn hekk, il-Bord ifakkar li l-awditi msemmija fl-Artikolu 28(3)(h) GDPR jitwettqu mill-kontrollur stess jew inkella minn awditur ieħor maħtur mill-kontrollur. Il-Bord jirrakkomanda lill-SI SA li tadatta l-ewwel xenarju fl-**Appendiċi C.7 u C.8** biex jispeċifikaw li l-awditur terz ġie maħtur mill-kontrollur. Konsegwentement, it-test tal-eżempji fl-Appendiċi C.7 u C.8 għandu jinbidel kif ġej: "*Il-proċessur tad-*data* għandu (IDDIKJARA L-PERJODU TA' ŻMIEN) a spejjeż tal-(PROĊESSUR TAD-DATA/KONTROLLUR TAD-DATA) ikun soġġett għal (AWDITU/SPEZZJONI) minn parti terza indipendenti maħtura mill-kontrollur dwar il-konformità tal-proċessur tad-*data* mal-GDPR, mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE jew tal-Istat Membru dwar il-protezzjoni tad-*data* u mal-Klawżoli. L-awditur terz indipendenti se jissottometti (RAPPORT TA' AWDITUR/RAPPORT TA' SPEZZJONI). Il-partijiet qablu li t-tipi li ġejjin ta' (RAPPORT TAL-AWDITUR/RAPPORT TAL-ISPEZZJONI) jistgħu jintużaw f'konformità mal-Klawżoli: (DAĦĦAL RAPPORTI TAL-AWDITUR/RAPPORTI TAL-ISPEZZJONIJIET "APPROVATI") [...]*

2.2.11 Bidu u terminazzjoni (Klawżola 13 tal-SCCs)

27. Fir-rigward tal-**Klawżola 13.5** tal-SCCs, il-Bord iħegġegħ lill-SI SA biex tevita li tindikaha bħala klawżola speċifika billi din tinkludi biss il-firma tal-partijiet u jissuġġerixxi li l-partijiet u l-firma tagħhom jiġu riferuti bl-istess mod (eż. "Isem", "Pożizzjoni", "Data", "Firma", jitneħħew ir-referenzi għan-"Numru tat-telefon" u l-"Email" li se jkunu diġà ġew inklużi fil-Klawżola 14.2).

2.2.12 Kuntatti / punti ta' kuntatt tal-kontrollur tad-*data* u tal-proċessur tad-*data* (Klawżola 14 tal-SCCs)

28. Il-Bord iħegġegħ lill-SI SA biex temenda l-Klawżola 14.1 kif ġej: "*Kull parti għandha taħtar persuna responsabbli mill-eżekuzzjoni tal-kuntratt*".

2.2.13 Appendiċi A

29. Filwaqt li jinnota li l-Appendiċi A għandu l-għan li jipprovdi dettalji dwar l-attivitajiet ta' pproċessar imwettqa mill-proċessur tad-*data* f'isem il-kontrollur tad-*data*, il-Bord ifakkar li l-attivitajiet ta' pproċessar għandhom jiġu deskritti mill-partijiet bl-iktar mod dettaljat possibbli. Għalhekk, huwa importanti li l-eżempji pprovduti biex jiġi spjegat il-kontenut possibbli tas-sezzjonijiet tal-Appendiċi jkunu kapaċi jiggwidaw id-deskrizzjoni tal-partijiet.
30. Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Bord jilqa' l-inizjattiva tal-SI SA li tinkludi eżempji fl-**Appendiċi A.4** u saħansitra jissuġġerixxi li jiġi estiż aktar, filwaqt li jitqiesu li l-biċċa l-kbira tal-operazzjonijiet ta' pproċessar jinvolve diversi kategoriji ta' suġġetti tad-*data* fl-istess ħin, li min-naħa tagħhom jistgħu jiġu kategorizzati b'bosta modi, eż. klijenti, konsumaturi (adulti / tfal), bejjiegħa terzi.

2.2.14 Appendiċi B

31. Il-Bord iħeġġeġ lill-SI SA tikkjarifika li subproċessuri multipli jistgħu jiġu elenkati mill-partijiet fl-**Appendiċi B.1** għalkemm kamp wieħed biss ġie inkluż bħala eżempju.

3 KONKLUŻJONIJIET

32. Il-Bord jilqa' bi pjaċir kbir l-inizjattiva tal-SA Slovena li tissottometti l-abbozz ta' SCCs tagħha għal opinjoni, bl-għan li jikkontribwixxu għal implimentazzjoni armonizzata tal-GDPR.
33. Il-fehma tal-Bord hija li l-abbozz ta' SCCs tal-Awtorità Superviżorja Slovena sottomess għal opinjoni jeħtieġ jiġi aġġustat ftit aktar, sabiex jitqies bħala klawżoli kuntrattwali standard. Jekk jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet kollha elenkati f'din l-Opinjoni, l-SI SA tkun tista' tuża dan l-abbozz ta' ftehim bħala Klawżoli Kuntrattwali Standard skont l-Artikolu 8 GDPR, mingħajr il-ħtieġa għal adozzjoni sussegwenti mill-Kummissjoni tal-UE.

4 KUMMENTI FINALI

34. Din l-opinjoni hija indirizzata lil Informaċijski pooblaščenec (l-Awtorità Superviżorja Slovena) u se ssir pubblika skont l-Artikolu 64(5)(b) GDPR.
35. Skont l-Artikolu 64 (7) u (8) GDPR, l-awtorità superviżorja għandha tikkomunika lill-President, b'mezzi elettroniċi, fi żmien ġimagħtejn wara li tirċievi l-opinjoni, jekk hijiex se temenda jew iżżomm l-abbozz ta' SCCs tagħha. Fl-istess perjodu, hija għandha tipprovdi l-abbozz emendat ta' SCCs jew inkella, hija għandha tipprovdi r-raġunijiet rilevanti għalfejn m'għandhiex l-intenzjoni li ssegwi din l-opinjoni, kemm kompletament kif ukoll parzjalment. L-awtorità superviżorja għandha tikkomunika d-deċiżjoni finali lill-Bord għall-inklużjoni fir-reġistru tad-deċiżjonijiet li kienu soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza, skont l-Artikolu 70(1)(y) GDPR.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-President

(Andrea Jelinek)

Adottata